MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2007

Appell Kriminali Numru. 44/2007

Il-Pulizija

Vs

Francesco Fenech

Il-Qorti;

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli nhar l-1 ta’ Settembru, 2006, naqas li jaghti l-manteniment lill-ex mara tieghu Pauline Fenech, dovut skond digriet mahrug mill-Onor. Imhallef Dr. J. Azzopardi LL.D, nhar is-26 ta’ Novembru, 2003 fi zmien 15-il jum li fih kellha tithallas dik is-somma, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(z) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-29 ta’ Jannar, 2007, li biha, wara li rat l-Artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’

Malta, sabet lill-appellant hati tal-akkuzi hekk kif dedotti kontrieh u kkundannatu ghal gimgha (1) detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-7 ta' Frar, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellate fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni kif dedotta fil-konfront tieghu, kif ukoll fejn ikkundannatu ghal gimgha detenzjoni, u minflok, tilliberah minn kull imputazzjoni, htija w piena, jew, alternattivament, tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena, billi minflok tinfliggi piena aktar gusta w ekwa ghall-kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat l-aggravji tal-appellant li jikkonsistu fis-segwenti u cioe' :-

1. illi fl-ewwel lok, l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi, billi qieset ippruvati skond il-Ligi l-imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront ta' l-appellant, meta invece l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova sodisfacentement l-elementi kollha tar-reat. Effettivament, jirrizulta li kien hemm konflitt fl-istess provi prodotti, u dan meta ma giex stabbilit jekk effettivament l-esponenti hallasx il-manteniment ghax-xahar ta' Settembru 2006, partikolarment meta mart l-appellant ddeponiet illi hija verament kienet irciviet cekk bankarju, pero' ma kkonfermatx ta' liema xhur kien ikopri dan ic-cekk bankarju;

2. illi fit-tieni lok, sussidjarjament u minghajr pregudizzju, b'riferenza ghall-piena nflitta l-esponent jirrileva illi fic-cirkostanzi hija wahda certament esagerata stante n-nuqqas ta' provi li rrizultaw ghal akkuza kif dedotta fil-konfront ta' l-appellant. F'dan ir-rigward, minghajr pregudizzju ghal premess, l-appellant ghamel referenza ghas-sentenza "**Il-Pulizija vs Stephen Spiteri (Qorti tal-Appelli Kriminali 22.09.1993),** il-kuncett ta' "crime does not pay" m'ghadux applikabbli fiz-zminijiet tal-lum. Illum il-gurnata l-iskop ta' piena mhux biss dak ta' deterrent jew retribuzzjoni, izda ta riabilitazzjoni. Ghalhekk l-appellant irrileva li fil-kaz odjern, il-Qorti tal-Magistrati ma haditx in konsiderazzjoni ta' dan il-principju w l-piena nflitta mill-

Qorti tal-Magistrati (Malta) hija wahda eccessiva w harxa, tenut kont ta’ l-akkuza prodotta fil-konfront ta’ l-appellant, u partikolarment tenut kont tal-provi li gew prodotti quddiem l-Ewwel Qorti.

Rat il-fedina penali aggornmata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Rat illi pero’ fis-seduta tal-lum, fuq rekkomandazzjoni tal-Qorti, l-appellant hallas permezz ta’ cheques tal-Avukata tieghu Dr. Charmaine Cherrett mhux biss l-ammont imsemmi fic-citazzjoni imma kull ammont li huwa dovut sal-lum bhala arrettrati tal-manteniment lill-martu.

Semghet lill-parte civile, cioe’ lil mart l-appellant, li ddikjarat li in vista ta’ dan il-pagament hija tinsab pjenament sodisfatta w ghalhek ma tinsistix illi zewgha ghandu jintbaghat il-habs.

In vista ta’ dan l-izvilupp pozittiv tara li hemm lok ghal temperament fil-piena, u dana skond il-gurisprudenza kostanti w regolari ta’ din il-Qorti.

Konsegwentement qed tilqa’ l-appell tal-appellant limitatament billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant hati tal-akkuza dedotta kontra tieghu, tirrevokaha fejn ikkundannat lill-appellant ghal piena ta’ gimgha detenzjoni u minflok tikkundannah ghal ghaxar liri (LM10) ammenda li jridu jithalsu llum stess u, in difett, jigu konvertiti f’jumejn detenzjoniskond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------